MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 52/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

***Omissis 1***
**Omissis 3**
***Omissis 2***

***Fil-konfront ta' Omissis 3***

Kumpilazzjoni Numru: 52/2009

**Illum, 02 ta' Marzu 2009,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

*Omissis 1*;

Omissis 3
u

*Omissis 2*

Akkuzati talli nhar it-12 ta' Jannar 2009, bejn nofs il-lejl u it-3:00 ta' fil-ghodu minn gewwa ir-residenza bin-numru 10, Triq il-Ponta, Isla ikkommettew serq ta' diversi affarijiet liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix 2,329.37 Euro (elfejn tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu), bil-lok, bil-mezz u bil-hin ghad dannu ta' Terence Lofreda u Leandro Lofreda

Lill *Omissis 1* wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' zewg sentenzi sospizi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 29 ta' Lulju 2008 u Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD datata 22 ta' Ottubru 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Antonio Vella LL.D, datata 29 ta' Lulju 2008,u Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD datata 22 ta' Ottubru 2007 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD datata 29 ta' Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputati Omissis 3 u *Omissis 2* bhala ricedivi billi kisru il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, fejn gew illiberati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-artikoli 37, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat li hija kwazi netta.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-eta ta’l-imputat u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata kollha.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita biex jirriforma ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Qorti mhiex ser titratta ma l-imputat ghar-reati li taghhom intsab hati fit-3 ta’ Settembru 2008.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat l-artikoli tal-Kap 9 37, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269 u 270 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b’applikazzjoni ta’l-

artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna in oltre li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------